



Ombudsman Ewropew

# Problemi mal-UE? Min jista' **jgħinek?**

MT

**Il-missjoni tagħna hi li nservu d-demokrazija billi naħdmu mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex noħolqu amministrazzjoni aktar effettiva, responsabbli, trasparenti u etika.**

© L-Unjoni Ewropea, 2015

Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukkattivi u mhux kummerċjali hija awtorizzata dment li s-sors ikun rikonoxxut.

Dan il-ktejjeb huwa ppubblikat fuq l-Internet fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu>

Ir-ritratti kollha © L-Unjoni Ewropea, sakemm mhuwiex indikat mod ieħor.  
Disinn u tfassil minn Rosendahls - Schulz Grafisk, Albertslund,  
Danmarka, u EntenEller A/S, Valby, Danmarka.

Isejt-tajja fi FrutigerNext u Palatino.

*Printed in Luxembourg*

Print ISBN 978-92-9212-659-9 . doi:10.2869/56972 . QK-04-14-978-MT-C  
PDF ISBN 978-92-9212-635-3 . doi:10.2869/50205 . QK-04-14-978-MT-N



# Introduzzjoni



L-Unjoni Ewropea tipprovdi ħafna benefiċċji liċ-ċittadini, residenti, negozji u assoċjazzjonijiet tal-UE. Iċ-ċittadini nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE huma wkoll ċittadini tal-UE, u jgawdu minn firxa ta' drittijiet bħala riżultat taċ-ċittadinanza Ewropea. Madankollu, tista' tiltaqa' ma' xi problemi meta tiġi biex teżerċita d-drittijiet tiegħek.

Qatt ħsibt min jista' jgħinek? Mhux dejjem jista' jkun ċar jekk il-problema hijiex ikkawżata mill-amministrazzjoni tal-UE, mill-awtoritatiet ta' Stat Membru jew minn entità privata. Anki jekk tkun taf min qiegħed jiż-żbalja, jista' ma jkunx ovvju fejn tista' ddur għall-ġħajnejha. F'Unjoni bbażata fuq il-prinċipju fundamentali tal-istat tad-dritt, huwa importanti ħafna li jkun hemm rimedju malajr u effettiv għal kwalunkwe problema li tiltaqa' magħħa biex tikseb id-drittijiet tiegħek.

L-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew ipproduċa dan il-fuljett sabiex jagħtik ħarsa ġenerali tal-informazzjoni, il-pariri u l-korpi differenti li jindirizzaw l-ilmenti, li tista' tikkunsidra li tirrikorri għandhom. Sabiex ngħinuk tifhem aħjar kif jista' jgħinek kull wieħed mill-korpi elenkat, f'kull sezzjoni aħna inkludejnejnejnej eżempji tat-tip ta' għajnejha li jista' jipprovdi l-korp ikkonċernat.

Fuq il-websajt tal-Ombudsman Ewropew tista' ssib ukoll gwida interattiva komprensiva li tgħinek tidentifika l-aktar korp adatt biex tirrikorri għandu b'ilment jew talba għall-informazzjoni.



<b>L-Ombudsman Ewropew</b>	<b>5</b>
<b>In-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen</b>	<b>8</b>
<b>Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Petizzjonijiet</b>	<b>10</b>
<b>Il-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>11</b>
<b>Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data</b>	<b>12</b>
<b>SOLVIT</b>	<b>13</b>
<b>Iċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej</b>	<b>14</b>
<b>Informazzjoni u pariri</b>	<b>15</b>

# L-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew

## X'jagħmel?

L-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew huwa korp indipendenti u imparzjali li jżomm l-amministrazzjoni tal-UE f'kunsiderazzjoni. Huwa jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE. Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha, li taqa' barra mill-mandat tal-Ombudsman. L-Uffiċċju tal-Ombudsman jista' jsib amministrazzjoni ħażina jekk istituzzjoni tonqos milli tirrispetta d-drittijiet fundamentali, ir-regoli jew prinċipji legali, jew il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Dan ikopri, pereżempju, irregolaritajiet amministrattivi, ingħustizzja, diskriminazzjoni, abbuż tal-poter, nuqqas ta' tweġibet, rifjut ta' informazzjoni, u dewmien bla bżonn. Kwalunkwe ċittadin jew resident tal-UE, jew negozju, assoċjazzjoni jew korp ieħor b'uffiċċju rreġistrat fl-UE, jista' jippreżenta ilment. Ma għandekx bżonn tkun affettwat individwalment mill-amministrazzjoni ħażina biex tilmenta. Jekk jogħġebok innota li l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew jista' jittratta biss ilmenti li jkunu jikkonċernaw l-amministrazzjoni tal-UE u mhux ilmenti dwar amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, lanqas meta l-ilmenti jkunu jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-UE.

## X'ma jagħmilx l-Uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew?

L-Uffiċċju tal-Ombudsman ma jistax jinvestiga:


- ilmenti kontra awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali fl-Istati Membri tal-UE, lanqas meta l-ilmenti jkunu relatati ma' kwistjonijiet tal-UE;
- attivitajiet ta' qrati jew ombudsmen nazzjonali;
- ilmenti kontra negozji jew individwi privati.

## Meta u kif tista' tilmenta?

Inti għandek tissottometti l-ilment tiegħek:

- fi żmien sentejn minn meta ssir taf bil-fatti li fuqhom ikun ibbażat l-ilment tiegħek;
- wara li l-ewwel tkun ikkuntattjajt lill-istituzzjoni tal-UE kkonċernata biex tipprova ssolvi l-kwistjoni;
- bil-miktub, inkluż permezz ta' formola onlajn tal-ilmenti li tinsab disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman Ewropew.

Il-formola tista' tiġi sottomessa b'mod elettroniku jew inkella tiġi pprintjata u mibgħuta bil-posta. Il-formola stampata hija disponibbli wkoll mill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew fuq talba. Tista' tissottometti l-ilment tiegħek fi kwalunkwe waħda mit-24 lingwa uffiċjali tal-UE.



## Eżempji ta' każijiet

Ċittadin Irlandiż talab lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għal aċċess għal dokumenti li fihom dettalji dwar ir-reazzjonijiet kollha avversi serji ssuspettati relatati ma' mediċina kontra l-akne. Ibnu kkommetta suwiċidju wara li ħa din il-mediċina. L-EMA rrifjutat it-talba tiegħu, billi sostniet li r-regoli tal-UE dwar aċċess għad-dokumenti ma kinux japplikaw għal rapporti dwar reazzjonijiet avversi serji ssuspettati għall-mediċini. Wara li investiga l-ilment, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkonkluda li r-regoli tal-UE dwar aċċess għad-dokumenti japplikaw għad-dokumenti kollha miżmura mill-EMA. Minbarra li rrakkomanda li l-EMA tirrevedi r-rifjut tagħha li tagħti aċċess għar-rapporti dwar ir-reazzjonijiet avversi, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ħeġġeġ ukoll lill-Aġenzija sabiex, bħala parti mill-politika tal-informazzjoni tagħha, tipprovd kjarifiki addizzjonali biex tagħmilha aktar faċli għall-pubbliku biex jifhem tali data u s-sinjifikat tagħha. L-EMA aċċettat ir-rakkomandazzjoni billi ġabbret il-ħruġ tar-rapporti. Hija adottat ukoll politika proattiva ġidida maħsuba biex ittejjeb it-trasparenza fi kwistjonijiet li jikkonċernaw aċċess għad-dokumenti li huma fil-pussess tagħha.

Organizzazzjoni mhux governattiva bbażata fi Brussell ilmentat mal-Ombudsman li l-Kummissjoni Ewropea naqset milli tittratta l-fajl tagħha u tħallas,

fi żmien l-iskadenza ta' 45 jum stabbilita fil-ftehim tal-ġħotja, il-bilanċ pendentni għal studju li kienet qħamlet. Il-kwerelant kien ippreżenta r-rapport finali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, u dokumenti oħrajn, fl-iskadenza meħtieġa. Filwaqt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li kienet irċeviet ir-rapport, hija ma ħallsitx il-bilanċ pendentni. Bi tweġiba għall-ewwel waħda minn diversi tfakkiriet mibgħuta mill-kwerelant, il-Kummissjoni semmiet il-btajjal u n-nuqqas ta' persunal bħala l-kawżi tad-dewmien. L-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkuntattja lill-Kummissjoni, li min-naħħa tagħha rreaġixxiet immedjatament billi kkuntatt lill-kwerelant u kompliet id-diskussionijiet. Hija qħamlet ukoll apoloġija lill-kwerelant għad-dewmien, u wegħdet li se tikkalkula l-bilanċ u malli tirċievi l-kummenti tiegħu, tħallas lill-kwerelant il-bilanċ pendentni.

Ċittadin Bulgaru kkritika l-fatt li l-formola ta' regiżstrazzjoni onlajn fuq il-websajt tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>) tista' timtela biss bl-użu ta' karattri tal-alfabett Latin. Huwa sostna li għandu jkun possibbi wkoll li jintużaw karattri Ċirilliċi u Griegi. L-Uffiċċju tal-Ombudsman fetaħ inkjesta dwar il-każ. L-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet, li huwa responsabbi mill-websajt, wieġeb lill-Ombudsman billi wiegħed li jiżgura l-użu tal-karattri Ċirilliċi u Griegi għar-regiżstrazzjoni onlajn fuq l-EU Bookshop.



Għal aktar tagħrif, żur  
<http://www.ombudsman.europa.eu>

## In-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali madwar l-UE jagħmlu kontribut vitali biex jiżguraw li ċ-ċittadini u r-residenti jgawdu d-drittijiet tagħhom skont il-liġi tal-UE. L-ombudsmen jittrattaw ilmenti kontra awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri. Flimkien mal-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Petizzjonijiet, huma jifformaw in-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen. In-Netwerk jinkludi l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri tal-UE, tal-pajjiżi kandidati biex jissieħbu fl-UE, u ta' ċerti pajjiżi Ewropej oħraejn.

Ir-raġunijiet preċiżi li għalihom jista' jaġixxi ombudsman ivarjaw fin-Netwerk, iżda normalment jinkludu: il-ksur tad-drittijiet, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali; imġiba illegali oħra, inkluż in-nuqqas ta' rispett għall-prinċipji ġenerali tal-liġi; u n-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Dikjarazzjoni tan-Netwerk Ewropew tal-Ombudsmen, li tikkjarifika s-servizz li l-membri tan-Netwerk jipprovd lill-persuni li jilmentaw dwar kwistjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-liġi tal-UE, hija disponibbli fuq il-websajt tal-Ombudsman Ewropew, fejn tista' ssib ukoll informazzjoni dwar kif tista' tissottometti ilment ma' ombudsman fin-Netwerk.



## Eżempji ta' kazíjiet

Raġel Ċek, li jgħix fl-Irlanda u jirċievi l-benefiċċi tal-qgħad, qab permess biex jivvjaġġa lejn ir-Repubblika Ċeka sabiex jattendi kors. Waqt li kien hemmhekk, huwa qagħad għal eżamijiet fil-jum li fiha kċċu kollha. Bħala riżultat tad-dewmien fir-ritorn tiegħu, id-Dipartiment Irlandiż tal-Ħarsien Soċjalji ddeċċeda li huwa ma kienx eliġibbli għall-benefiċċi tal-qgħad jew saħansitra għal beneficiju ta' persuna li qiegħda tfitteż-xogħol. Wara li l-Ombudsman Irlandiż intervjeta u ġibed l-attenzjoni għar-regoli rilevanti tal-UE, id-Dipartiment irreveda d-deċċizioni tiegħu u ħallas lir-raġel l-arretrati tal-benefiċċi tal-qgħad għall-perjodu inkwistjoni u sakemm spiċċa l-intitolament tiegħu. Id-Dipartiment wiegħed ukoll li jeżamina mill-ġdid l-intitolament tiegħu għal beneficiju ta' persuna li qiegħda tfitteż-xogħol.

L-Ombudsman Grieg irċieva ilmenti dwar diskriminazzjoni kontra nisa li qagħdu għall-eżamijiet biex jidħlu fl-akademji militari. Fost l-allegazzjonijiet tagħhom, il-kwerelanti semmew it-twaqqif ta' limitu ta' prestazzjoni komuni għall-irġiel u n-nisa rigward it-testijiet fiziċċi. L-ilmenti semmew ukoll iż-żieda sproporzjonata fit-tul minimu għall-kandidati ta' 5 cm għall-irġiel u 10 cm għan-nisa. L-Ombudsman sab li ġiż-żewġ prekundizzjonijiet kienu jikkostitwixxu diskriminazzjoni indiretta kontra n-nisa u kienu qiegħdin jiksru l-liġi nazzjonali u tal-UE. Huwa talab lill-awtoritat jiet-Griegi biex jeliminaw id-diskriminazzjoni. L-awtoritat jiet-qablu li, fid-dawl tas-sejbiet tal-Ombudsman, se jerġgħu jikkunsidraw il-kwistjoni, wara li jkunu ntemmu l-eżamijiet preliminari.



Għal aktar tagħrif, żur

<http://www.ombudsman.europa.eu/atyourservice/en/introduction.faces>

# Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Petizzjonijiet

Permezz tal-Kumitat tiegħu dwar il-Petizzjonijiet, il-Parlament Ewropew jittratta petizzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-qasam ta' attivită tal-UE. Il-petizzjonijiet ikopru firxa wiesgħa ħafna ta' kwistjonijiet, minn tħassib ambjentali għal diskriminazzjoni u dewmien. Il-Parlament jista' jiġbed l-attenzjoni, permezz tal-petizzjonijiet, għal ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropeo minn Stat Membru, awtorità lokali jew istituzzjoni pubblika oħra.

## Eżempji ta' każijiet

Il-petizzjonanti ilmentaw mal-Kumitat tal-Parlament dwar Petizzjonijiet, li l-awtoritajiet tar-Renju Unit kienu qeqħdin idumu wiśq biex jaġħu l-karti tar-residenza, u li kienu qeqħdin iżommu għandhom id-dokumenti tal-ivvjäġgar matul il-proċedura. Il-Kumitat talab lill-Kummissjoni Ewropea tinvestiga dawn il-kwistjonijiet. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-awtoritajiet tar-Renju Unit fil-fatt ma kinux qeqħdin jikkonformaw mar-regola tal-UE li jinħarġu l-karti tar-residenza fi żmien sitt xħur mill-applikazzjoni. Ir-Renju Unit irrikonoxxa s-serjetà tas-sitwazzjoni u, bil-għan li jirrimedjaha, żied b'mod sinifikanti n-numru ta' ġaddiema li jittrattaw l-applikazzjonijiet, kif ukoll tejjeb it-taħrif u l-proċeduri. Barra minn hekk, l-awtoritajiet introduċew indirizz elettroniku għall-applikanti li jitolbu r-ritorn tal-passaporti għall-ivvjäġġar fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol.

Il-Kumitat tal-Parlament dwar il-Petizzjonijiet irċieva diversi petizzjonijiet li kienu qeqħdin isostnu li triq li l-awtoritajiet Pollakki kienu qeqħdin jippanaw li jibnu tul il-Wied ta' Rospuda, kienet mistennija taqsam minn fuq żoni eko-sensittivi u tidħol serjament f'żoni oħrajn protetti skont il-liġi tal-UE. Investigazzjoni li saret ikkonfermat din il-pretensjoni, u sabet ukoll li l-awtoritajiet Pollakki kienu naqsu milli juru li kienu eżaminaw b'mod xieraq alternattivi għar-rotta ppjanata. Fuq din il-bażi, il-Kumitat ġejja rapport, li fih kien qiegħed jitlob li jinbidlu l-pjanijiet. Fid-dawl ta' dan u tas-sejbiet tagħha stess, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE biex twaqqaq il-proġett sakemm hija tikkunsidra l-legalită tiegħu. L-azzjonijiet tal-Kumitat u tal-Kummissjoni, flimkien mal-pressjoni legali domestika, irriżultaw f'deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet Pollakki li ma tinbeniex it-triq li tgħaddi mill-Wied ta' Rospuda.



Għal aktar tagħrif, żur  
<http://www.europarl.europa.eu/committees/mt/peti/home.html>

## Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea hija responsabbli biex tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw il-liġi tal-UE. Fit-twettiq ta' dan il-kompli, il-Kummissjoni hija magħrufa b'mod informali bħala l-“għassiesa tat-Trattati”. Inti tista' tilmenta mal-Kummissjoni jekk temmen li xi Stat Membru qiegħed jikser il-liġi tal-UE.

### Eżempji ta' każijiet

Vjaġġatur Ġermaniż kellu jorganizza l-vjaġġ tiegħu stess lejn il-Ġermanja mill-Madagaskar, vija Pariġi, għaliex it-titjira ta' konnessjoni tiegħu tħassret minħabba strajk. Wara, huwa ilmenta mal-Kummissjoni li ma rċeviex assistenza jew kumpens mil-linjalja tal-ajru jew mill-korp superviżorju Franċiż responsabbli, li miegħu ma setax jikkomunika minħabba problemi ta' lingwa. Il-Kummissjoni segwiet il-każ billi żgurat li l-korp superviżorju Franċiż jieħu l-miżuri meħtieġa. Eventwalment il-linjalja tal-ajru ikkumpensat lill-kwerelant. Il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet se tħgin lill-korpi superviżorji nazzjonali jnaqqusu l-barrieri lingwistiċi għall-vjaġġaturi Ewropej.

Ċittadin Taljan, li huwa attiv fil-qasam tal-ħarsien ambjentali, allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq il-proċeduri ta' ksur kontra l-Italja rigward miżbla f'Malagrotta, qrib Ruma, kienet inġusta. Huwa sostna li kien hemm ċerti irregolaritajiet fir-rigward tal-pjan ta' kondizzjonament għall-miżbla. Fid-dawl tal-informazzjoni sinifikanti li l-kwerelant ġab għall-attenzjoni tagħha, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-miżbla fil-fatt ma kinitx inġabet f'konformità mar-regoli tal-UE. Il-Kummissjoni reġgħet fetħet il-proċedura ta' ksur, bil-għan li tiżgura applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġi tal-UE.



Għal aktar tagħrif, żur

[http://ec.europa.eu/atwork/applying-eu-law/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/atwork/applying-eu-law/index_mt.htm)

# Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) huwa korp superviżorju indipendenti ddedikat biex jipproteġi d-data personali u l-privatezza u biex jippromwovi l-prattika tajba fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Huwa jagħmel dan billi jiġi konsulenza dwar linji ta' politika u leġiżlazzjoni li jaffettaww il-privatezza u jikkoperma ma' awtoritat jippejja simili fil-livell tal-UE, fl-Istati Membri, u lil hinn minn hom. Il-KEPD jirċievi ilmenti minn membri tal-persunal tal-UE, kif ukoll minn persuni oħra jen li jħossu li d-data personali tagħhom ma ġietx ittrattata tajjeb minn istituzzjoni jew korp tal-UE. Jekk ilment ikun ammissibbli, il-KEPD ġeneralment jagħmel inkjesta. Is-sejbiet jiġu kkomunikati lill-kwerelant, u jiġi adottati l-miżuri meħtieġa.

## Exempju ta' każ

Il-KEPD kien informat b'mod anonimu dwar il-fatt li d-data personali tal-kandidati li jgħaddu mit-testijiet ta' qabel l-għażla fil-kompetizzjonijiet għall-uffiċċali tal-UE tiġi pproċessata minn kuntrattur estern lokalizzat f'pajjiż li muuwiex membru tal-UE. Il-KEPD fet-ah inkjesta dwar dan il-każ fuq inizjattiva tiegħu stess, li wasslet għall-konklużjoni li fil-fatt, minkejja li l-Uffiċċċu Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) kien ikkonkluda kuntratt ma' kumpanija esterna rreġistrata fir-Renju Unit, l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data nnifishom saru fl-Istati Uniti. Il-KEPD talab lill-EPSO biex jivverifika jekk il-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni

tad-data humiex qegħdin jiġi rrispettati u biex jemenda l-kuntratt sabiex jiġura garanziji addizzjonali għas-suġġetti tad-data kkōncernati.



## SOLVIT

SOLVIT jittratta problemi transkonfinali bejn iċ-ċittadini jew in-neozzj, minn naħħa waħda, u bejn l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, min-naħħa l-oħra. Huwa netwerk onlajn ikkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea. Permezz ta' SOLVIT, iċ-ċentri nazzjonali, l-Istati Membri tal-UE, flimkien mal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, jaħdmu flimkien biex isolvu, fi żmien 10 ġimgħat, problemi li jinqalgħu meta l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali japplikaw ħażin il-liġi tas-suq intern.

### Exempji ta' każijiet

Ċittadin Franċiż li qiegħed jistudja biex isir pilota fi skola Belġjana li toffri taħriġ fit-titjir, ma setax jirreġistra bħala student mal-awtoritajiet Belġjani lokali. Il-problema nqalgħet minħabba li l-iskola Belġjana tat-taħriġ fit-titjir kienet azjenda privata li ma kinitx rikonoxxuta mill-Komunità Belġjana li titkellem bil-Franċiż. Madankollu, il-Ministeru Belġjan tat-Trasport approva c-ċertifikati mogħtija mill-iskola. Skont il-liġi tal-UE, kull min ikun irregistral fl-iskola tat-taħriġ fit-titjir għandu għalhekk ikollu status ta' student. Grazzi għall-intervent ta' SOLVIT, l-awtoritajiet lokali qablu li jerġgħu jikkunsidraw il-fajl taċ-ċittadin Franċiż u rregistrawh bħala student.

Kumpanija Svediża tinstalla pompi fid-Danimarka għal sistemi ta' tisħin fid-djar. Fid-Danimarka, huwa possibbli li tirċievi sussidju mill-gvern ta' 20 000 krona Daniża jekk tissostitwixxi s-sistema antika tiegħek ta' tisħin biż-żejt b'sistema ta' tisħin li tagħmel użu mill-pompi. Madankollu, il-klijenti Daniżi tal-kumpanija Svediża ma setgħux jirċievu s-sussidju minħabba li l-awtoritajiet Daniżi kienu qiegħdin jitkolu n-numru tar-reġistrazzjoni ta' kumpanija Daniżi sabiex iħallsu s-sussidju. Huma biss dawk il-kumpaniji li huma stabbiliti fid-Danimarka li jistgħu jiksbu n-numru tar-reġistrazzjoni msemmi. Wara l-intervent ta' SOLVIT, l-awtoritajiet Daniżi ħabbru li n-numru ma kienx għadu meħtieġ sabiex wieħed jirċievi s-sussidju.

## Iċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej

Iċ-Ċentri tal-Konsumaturi Ewropej (ECCs), stabbiliti f'kull wieħed mis-28 Stat Membru tal-UE, kif ukoll fl-Islanda u n-Norveġja, jipprovdu pariri u appoġġ legali u prattiċi lill-konsumaturi fir-rigward tax-xiri u s-servizzi transkonfinali fis-suq intern. Dawn iċ-ċentri jistgħu jikkuntattjaw kumpanija fi kwalunkwe wieħed minn dawn id-30 pajjiż għajr pajjiżek f'ismek, jidderiġuk għal skema ta' soluzzjoni tat-tilwimiet, jew jiproponu soluzzjonijiet oħrajn.

### Eżempji ta' każijiet

Konsumatur Ċek xtara mutur ġidid fil-Ġermanja. Għalkemm huwa għamilha ċara li kien se jesporta l-mutur lejn ir-Repubblika Ċeka, il-prezz inkorrettament kien jinkludi t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallax fil-pajjiż fejn tiġi rregjistrata l-vettura. Il-konsumatur ħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud darbtejn — fil-Ġermanja u fir-Repubblika Ċeka. Il-konsumatur ma rnexxielux isolv i-l-kwistjoni mal-bejjiegħ u mal-uffiċċju tat-taxxa fil-Ġermanja, li huwa responsabbli biex jittratta każijiet meta kontribwent ma jkunx residenti. Fuq l-inizjattiva tal-ECC Ċek, intervjeta l-ECC Ġermaniż u l-bejjiegħ tal-vettura kellu jrodd lura lill-konsumatur it-taxxa fuq il-valur miżjud indebitament imħallsa.

Konsumatur mil-Litwanja rriservat post f'lukanda fil-Belġju. Mal-wasla tagħha, il-lukanda talbet depożitu ta' EUR 150 bħala garanzija għal kwalunkwe spejjeż addizzjonal, bħall-użu tal-Internet. Il-konsumatur ipprovdiet il-karta tal-kreditu tagħha bħala garanzija. Il-lukanda ġibdet id-depożitu mill-karta tal-kreditu tal-konsumatur, minkejja li hija ma għamlet ebda użu minn servizzi addizzjonal. Hijha bagħtet ittra lil-lukanda, fejn talbet li tingħata spjegazzjoni u meta ma rċeviet ebda risposta, ċompliit lil-lukanda, li min-naħħa tagħha wiegħdet li kienet se ssolvi l-kwistjoni. Peress li l-lukanda ma reġgħetx ċompliitħha lura, hija rrikoriet għall-ġħajnejha tal-ECC tal-Litwanja. Wara l-intervent tal-ECC tal-Litwanja u tal-ECC tal-Belġju, il-konsumatur ħadet lura d-depożitu li kienet ħallset.

## Informazzjoni u pariri

Jekk sempliciement tkun trid tikseb informazzjoni jew tfittex pariri dwar id-drittijiet tiegħek bħala ċittadin, resident, negozju jew organizzazzjoni tal-UE, is-servizzi li ġejjin joffru post tajjeb ħafna biex tibda.

### L-Ewropa Tiegħek

**L-Ewropa Tiegħek** tofrilek informazzjoni ċara u suġġerimenti prattiċi dwar id-drittijiet tiegħek meta tkun qiegħed tgħix, taħdem, tivvjaġġa jew tagħmel negozju f'pajjiż tal-UE differenti minn tiegħek.

**L-Ewropa Tiegħek** tiprovo wkoll aċċess faċili għal servizzi ta' assistenza personalizzata jekk tkun teħtieġ aktar għajjnuna jew biex tiddefendi d-drittijiet Ewropej tiegħek.

### Europe Direct

Jekk għandek xi mistoqsija dwar l-UE, tista' tikkuntattja lil **Europe Direct** permezz tan-numru bla ħlas 00 800 6 7 8 9 10 11 minn kwalunkwe post fl-Unjoni Ewropea.

Tista' wkoll iżżur xi centrū tal-informazzjoni ta' **Europe Direct** jew tibgħat e-mail.



Għal aktar tagħrif, żur  
<http://europa.eu/youreurope>



Għal aktar tagħrif, żur  
<http://europa.eu/europedirect>





Jekk tixtieq verżjoni b'tipa kbira ta' din il-pubblikazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Nagħħmlu li nistgħu biex nipprovdu verżjoni awdjo jekk ikollna talba għaliha.

OK-0414-978-MT-N

**Ombudsman Ewropew**  
1 avenue du Président Robert Schuman  
CS 30403  
F - 67001 Strasbourg Cedex

T. +33 (0)3 88 17 23 13  
F. +33 (0)3 88 17 90 62  
eo@ombudsman.europa.eu

<http://www.ombudsman.europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet